KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tal-ewwel (1) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

## L-Erbgħa, 6 ta' Mejju, 2015 fis-6.30pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.**

Is-Sur Eucharist Camilleri, l-iktar kunsillier anzjan, ta' merħba lil dawk preżenti. Skont il-liġi, hu stieden lis-Sur Edward Said, l-iktar kunsillier li ġab voti fl-aħħar elezzjoni mill-grupp fil-maġġoranza sabiex jaċċetta il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Edward Said aċċetta din il-kariga, iffirma l-aċċettazzjoni u libes l-insinja uffiċjali.

**3. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku**

Is-Sindku Edward Said stieden lis-Sur Eucharist Camilleri, it-tieni l-iktar kunsillier li ġab voti mill-grupp fil-maġġoranza, sabiex jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku. Is-Sur Camilleri aċċetta u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

Is-Sindku Edward Said stieden lil *'minority leader'* sabiex tagħmel diskors tal-okkażżjoni, b'rispett lejn id-diversita' fl-idejat bejn il-kunsilliera. Dr. Josianne Cutajar sellmet lil kulħadd, l-iktar dawk li ħadmu fil-Kunsill fosthom lill-ex-Sindku Charles Said u lill-ex-kunsilliera Marija Natoli. Hi tat merħba lis-Sindku Edward Said u lil Michael Camilleri. Hi rringrazzjat lir-residenti tal-fiduċja li tawha għal darb'oħra. Hi awgurat ħidma sfieqa b'risq ir-residenti u kompliet li għandna nispjegaw l-għażliet tagħna lir-residenti filwaqt li nibqgħu qrib tagħhom. Filwaqt li niddibattu l-idejat għandna nuru rispett sħiħ lejn xulxin. Dr. Cutajar saħqet li għandna biex inkunu kburin b'dak li wettaqna. Sar ħafna mill-leġislaturi u għandna intejbu fuq dak li sar.

**Edward Said**
Sindku

**Joseph Azzopardi**
Agent Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku Edward Said innota li hu aċċetta l-kariga ta' Sindku b'umilta, b'responsabilta' u b'rispett. Is-Sindku qal li sabiex nassiguraw aktar ħidma hemm bżonn li nappoġjaw lil xulxin u allura ser jara li l-kunsilliera lokali jibqgħu magħqudin. Hu qabel li rridu nisimgħu kontinwament lin-nies u nuru rispett lejn kulħadd. Hu rringrazzja lil dawk li tawh il-fiduċja u dawk li taw il-fiduċja lil xi kandidat ieħor. Is-Sindku kompla li filwaqt li naraw li nżommu relazzjoni tajba u professjonali ma' xulxin, għandna naraw li nżommu fuq quddiem nett tal-agenda l-interess tal-lokalita'.

Ghalhekk, wara li kkonsulta mal-kunsilliera, is-Sindku ħabbar dawn l-irwoli:

- **Sindku**: Żgħażagħ, Sports, Attivitajiet (anke kulturali), Relazzjonijiet Pubblici u Relazzjonijiet mal-Għaqdiet.

- **Viċi-Sindku**: Proġetti, Ambjent, Infrastruttura u s-sehem fiċ-Charter Ewropew.

- **Dr. Josianne Cutajar**: Fondi tal-Unjoni Ewropeja, Skemi ta' fondi mill-Gvern Ċentrali u Relazzjonijiet mal-Entitajiet Parastatali.

- **Michael Camilleri**: Relazzjonijiet Internazzjonali, Edukazzjoni u Attivitajiet (flimkien mas-Sindku).

- **Dr. Rita Mifsud**: Ħidma Soċjali, Servizzi fil-Komunita', Anzjani u Tfal.

Is-Sindku kompla li b'dawn ir-rwoli, kull kunsillier ser ikollu ħafna x'jagħmel. Hu talabhom li qabel iwettqu, kull ideja għandha tiġi diskussa ħalli naraw kif l-aħjar li titwettaq. Il-Viċi-Sindku nnota li l-ewwel leġislatura ma kelliex ħafna responsabiltajiet pero wettqet ħafna affarijiet. Illum l-irwol tal-Kunsilli Lokali inbidel kompletament u l-aspettativi huma kbar.

**4. Sotto-Kumitat Temporanju - Mnarja 2015.**

Is-Sindku nnota li, kuntrarjament li kien isir is-soltu, irridu nħaffu l-pass biex norganizzaw l-attivitajiet konnessi mal-Imnarja. Għalekk talab li jiġi kkrejat Sotto-Kumitat Temporanju għall-Imnarja li mbagħad jiġi xolt wara. Bħala ismijiet is-Sindku issuġġerixxa lil Charles Said, Tonina Portelli, Anton Said, Ines Buttigieg, Michael Grech, Rupert Grech, Arcipriet, Charles Xuereb, James Buttigieg, Raymond Vella, Paul Mercieca, Kenneth Portelli, Daniel Meilak, Stanley Portelli, Josef Camilleri, Peter Paul Azzopardi, William Vella. Dr. Cutajar talbet li nikkunsidraw ismijiet oħra bħal Maria Natoli u anke lil dawk kollha li kienu lesti jgħinu fis-snin li għaddew. Hi nnotat ukoll li kull għaqda tal-lokalita għandha tkun rapprezentata. Kien hemm qbil fuq dan u s-Sindku ser jara li dawn jiġu mistiedna. Is-Sindku innota li sal-20 ta' Mejju irid jiġi stampat il-programm tal-festa. Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li l-programm jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill u

mbagħad jiġi diskuss fis-sotto-kumitat. Is-Sindku Edward Said aċċetta u għalhekk dan ser jigi approvat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali. Wara l-Imnarja ser jinħolqu kumitati oħra skont kif jiddeċiedi l-Kunsill.

## 5. Affarijiet Oħra.

Is-Sindku Edward Said innota li t-Torri ta' Sopu ser jintuża minn għalliema tas-Sixth Form għal attivita u huma ser jagħtu donazzjoni lill-Kunsill. Hu kompla li nħareg il-permess lill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 sabiex jinbidel il-post għall-armar ta' stand għal bejgħ ta' xtieli fil-weekend li ġej, dejjem skond il-parametri mitluba mill-liġi. Dawn ser jarmaw fi Triq Diċembru 13 stess minflok fil-Pjazza.

Is-safra tac-Charter ser tkun għall-Litwanja bejn it-30 ta' Lujlu u t-3 ta' Awissu. Ser jattendu Is-Sindku, il-Viċi-Sindku, il-kunsilliera Josianne Cutajar u Michael Camilleri. Magħhom ser jingħaqdu Rita Mifsud Attard, Peter Muscat, Danica Cassar u Paul Mercieca. Is-Sindku ser jiċċekja jekk Nicholas Haber, Maria Natoli u Charles Said humiex interessati wkoll.

Is-Sindku Edward Said innota li fil-bajja ta' Daħlet Qorrot sar xi vandaliżmu fuq ħitan privati. F'dan il-każ hemm żgur involuti l-pulizija. Il-kunsilliera qablu li peress li dawn huma ħitan privati għalissa għandna nistennew l-eżitu tal-investigazzjonijiet tal-pulizija u ma jsir xejn fil-mument.

Is-Sindku Edward Said innota li hu ser jiżdied mal-amministraturi tal-paġna tal-facebook tal-Kunsill flimkien ma' Rita Mifsud Attard u Therese Finger. Huwa emfasizza li dejjem irridu noqogħdu attenti x'jiġi uploaded.

Is-Sindku Edward Said innota li għandna bosta talbiet għall-BBQ's minn diversi għaqdiet u entitajiet privati. Hu ta' struzzjoni biex għalissa ma jinħarġux permessi qabel ikun hemm deċiżjoni mill-Kunsill. Hu kompla li fl-opinjoni tiegħu ma għandniex nillimitaw lil ebda entita' minn attivita u li l-'first-come-first-served' policy ma hiex dejjem l-aktar waħda ġusta. Hu sostna li għandna biss nieħdu azzjoni bħala kunsill meta l-attivitajiet ikunu ta' inkonvenjent fil-lokalita. Is-Sindku nnota li hija xi ħaġa naturali li l-għaqdiet ma jorganizzawx attivitajiet fl-istess ġurnata. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jibdew joħorġu l-permessi sakemm ma jkunux se joħolqu l-ebda nkonvenjent fil-lokalita.

## 6. Data għall-Laqgħa Oħra.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m.
Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2015, fis-6.45p.m.

Edward Said
Sindku

Joseph Azzopardi
Agent Segretarju Ezekuttiv